MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 189/1993/1

**Mario Zammit**

**vs**

**Maria Dolores sive Doris Zammit**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 17 ta' Frar 1993 a fol.1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja versu l-attur ta' adulterju, ingurji gravi u mohqrija, b'mod illi z-zwieg taghhom tfarrak irrimedjabbilment;

Illi miz-zwieg taghhom, il-partijiet kellhom zewg ulied subien li wiehed minnhom, Francis Saviour, huwa minuri u jinsab fil-kura u l-kustodja ta' ommu;

Illi l-attur gie awtorizzat li jipprocedi quddiem il-Qorti kompetenti ghas-separazzjoni personali minn martu l-konvenuta in forza ta' digriet tal-Qorti Civili, Sekond' Awla, numru 1342/92 (Dokument "A");

Illi l-attur talab ghalhekk li l-konvenuta ghar-ragunijiet premessi, tghid l-ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali skond il-ligi bejna u bejn l-attur;

(2) Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha ghall-alimenti skond il-ligi;

(3) Tordna li l-attur ikollu access xieraq ghall-imsemmi iben minuri, Francis Saviour;

(4) Tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti ta' l-**artikoli 48,49 u 51 tal-Kodici Civili** sa fejn dawn huma applikabbli;

(5) Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tassenja lill-partijiet dawk il-porzjonijiet li jisthoqqilhom fid-dawl tat-talbiet precedenti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, komprizi dawk ta' l-atti quddiem il-Qorti Civili, Sekond' Awla, precitati, u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat id-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 14 ta' Dicembru 1992 moghti mill-Onorevoli Mhallef Victor Caruana Colombo.

Rat id-digriet taghha, kif diversament ippreseduta mill-Onorevoli Mhallef Franco Depasquale datat 3 ta' Mejju

1993, fejn il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smiegh ghal nhar it-2 ta’ Gunju, 1993 fid-9.00a.m.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh tal-kawza gew debitament notifikati fit-12 ta’ Mejju, 1993;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ipprezentata fl-14 ta’ Mejju, 1993 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepiet:-

1. Illi mhux minnu li hija rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju, eccessi, sevizji u ngurji gravi anzi kien l-imsemmi attur li kkommetta adulterju, eccessi, sevizzji u ingurji gravi u kien huwa l-persuna responsabbli ghas-separazzjoni bejniethom;

2. Illi ghalhekk hija m’ghandhiex tiddekadi mid-dritt tagha ghal manteniment;

3. Illi ghar-rigward r-raba’ u l-hames talba l-likwidazzjoni u xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ghandu jsir b’mod li l-attur jigi penalizzat *stante* l-adulterju minnu kommess.

4. B’rizerva ta’ eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 13 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 13 *et seq*. tal-process;

Rat il-verbali quddiem l-istess Qorti diversament presjeduta tat-2 ta’ Gunju, 1993 fejn il-partijiet infurmaw lill-Qorti li bejn il-kontendenti hemm kawza fl-ismijiet inversi dwar il-manteniment u li tinsab differita ghat-18 ta’ Gunju, 1993; tat-18 ta’ Gunju, 1993 fejn l-attur obbliga ruhhu li jipprezenta affidavit dettaljat bix-xhieda tieghu u ta’ persuni ohra indikati minnu. Dr. Vassallo informa lill-Qorti li d-difensuri kienu qablu li x-xhieda kollha li tinghata f’din il-kawza tkun applikabbli u jaghmlu stat ukoll ghall-kawza citaz nru 547/92 fl-ismijiet inversi;

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tal-5 ta' Ottubru, 1993 fejn Dr. John Vassallo ipprezenta affidavit ta' l-attur u ghadda kopja tieghu lill-konvenuta li tat ruhha notifikata u rrizervat d-dritt tal-kontro-ezami u obbliga ruhu li jipprezenta affidavit ta' persuni ohra minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-attur datata 5 ta' Ottubru 1993 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess datat 5 ta' Ottubru 1993 (a fol. 18 sa 21 tal-process);

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Dicembru 1993 fejn l-attur talab iktar zmien sabiex jipprezenta l-affidavits tieghu u tax-xhieda minnu prodotti;

Rat in-nota ta' l-attur datata 16 ta' Frar 1994 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit ta' Antonia Zammit a fol. 25;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar, 1994 fejn l-attur informa lill-Qorti li kien ipprezenta l-affidavit ta' Antonia Zammit, omm l-attur pero` ma setax iressaq aktar provi b'affidavit, f'dan l-istadju jidher li jonqos biss ix-xhieda ta' ohtu u zewg persuni ohra hbieb tal-konvenuta u jobbliga ruhu li sad-differiment li gej jipprezenta prospett tal-beni parafernali u tal-komunjoni u proposta ghad-divizjoni taghhom. Il-Qorti ordnat lill-konvenuta sabiex tipprezenta affidavit dettaljat bix-xhieda taghha u ta' persuni minnha ndikati;

Rat in-nota tal-konvenuta tat-23 ta' Frar 1994 fejn permezz taghha rrizervat id-dritt ghall-kontro-ezami ta' Antonia Zammit;

Rat in-nota tal-konvenuta tat-23 ta' Marzu 1994 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess (a fol. 31);

Rat in-nota tal-konvenuta tat-18 ta' April 1994 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit ta' huha John Vella (a fol. 36);

Rat in-nota ta’ l-attur datata 26 ta’ April 1994 fejn permezz taghha ddikjara li jrid jaghmel il-kontro-ezami ta’ Orazio Vella;

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta’ April, 1994 fejn il-kawza giet differita ghall-affidavit kollha li fadal, specjalment ta’ Anna Vella u Maria Zerafa; ta’ l-20 ta’ Mejju, 1994 fejn il-Qorti innominat bhala Perit Legali lil Dr. Miriam Hayman;

Rat in-nota tal-konvenuta datata 1 ta’ Lulju 1994 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit ta’ Anna Vella, omm l-konvenuta (a fol. 49);
Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Franco Depasquale tat-18 ta’ Ottubru, 1994; ta’ l-14 ta’ Dicembru, 1994; tal-21 ta’ Marzu, 1995; ta’ l-24 ta’ Mejju, 1995; tal-15 ta’ Novembru, 1995; tas-7 ta’ Frar, 1996; tas-27 ta’ Marzu, 1996; tat-8 ta’ Mejju, 1996; tat-22 ta’ Ottubru, 1996; tal-15 ta’ Novembru, 1996; tal-5 ta’ Frar, 1997; tad-9 ta’ April, 1997; tal-21 ta’ Mejju, 1997; tal-15 ta’ Ottubru, 1997; tat-3 ta’ Dicembru, 1997; tal-11 ta’ Marzu, 1998 fejn il-Qorti fid-dawl tal-fatt li l-Perit Legali giet elevata ghall-Magistratura, giet sostitwita bl-istess inkarigu u fakoltajiet bl-Avukatessa, Irene Bonello; tas-27 ta’ Mejju, 1998; tal-21 ta’ Ottubru, 1998;

Rat ir-rikors tal-Perit Legali ipprezentat fit-3 ta’ Novembru, 1998 fejn talbet illi din il-Qorti joghgobha tapplika fir-rigward ta’ din il-perizja, ‘l fuq imsemmi artikolu (**artikolu 669 tal-Kap. 12)** sabiex l-attrici tiddepozita somma li fil-fehma tal-Qorti, tkun bejn wiehed u iehor daqs id-dritt spettanti lill-esponenti, u taghti dawk il-provvedimenti relattivi li jidhrulha xieraq;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Jannar, 1999 fejn il-Qorti wara li ezaminat ic-cirkostanzi tal-kawza, tilqa’ t-talba u tordna lill-attur jipprezenta fi zmien xahar mill-lum, is-somma ta’ mitt lira Maltija (Lm100) fir-Registru, jew mal-Perit Legali ghall-iskop indikat fir-rikors.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-istess Qorti kif diversament presjeduta tat-13 ta’ Jannar, 1999; ta’ l-24 ta’ Frar, 1999; tas-26 ta’ Marzu, 1999 fejn il-Qorti ordnat lill-

partijiet sabiex jipprezentaw prospett dwar il-beni fi zmien hmistax mid-data tad-digriet.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 30 ta’ April 1999 (a fol. 79 u 80 tal-process);

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Mejju, 1999 fejn il-Qorti awtorizzat lill-attur sabiex jesebixxi fir-Registru l-prospett tal-beni fi zmien hmistax mill-lum;

Rat in-nota ta’ l-attur tat-22 ta’ Gunju 1999 a fol. 84 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Gunju, 1999;

Rat in-nota tal-Perit Legali datata 13 ta’ Lulju 1999 (a fol. 87);

Rat ir-risposta tal-konvenuta ghall-prospett li pprezenta l-attur (a fol. 90);

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta’ Ottubru, 1999; tal-1 ta’ Dicembru, 1999, tat-2 ta’ Frar, 2000; tat-3 ta’ Marzu, 2000; ta’ l-14 ta’ April, 2000;

Rat in-nota tal-konvenuta tat-12 ta’ Mejju 2000 fejn ipprezentat l-affidavit ta’ Orazio Vella (a fol. 104);

Rat il-verbali tas-seduti tas-17 ta’ Mejju, 2000; tat-2 ta’ Gunju, 2000; tat-12 ta’ Lulju, 2000 fejn Dr. John Vassallo pprezenta nota b’dokumenti relattivi ghall-pensjoni tal-invalidita’; Il-Qorti awtorizzat lill-Perit Legali testendi r-relazzjoni b’dan li jekk Dr. Carmelo Mifsud Bonnici jhoss il-htiega li tinzamm seduta, din kellha tinzamm sal-15 ta’ Settembru, 2000;

Rat in-nota tal-Perit Legali datata 12 ta’ Lulju 2000 (a fol. 115);

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-1 ta’ Novembru, 2000 fejn Dr. John Vassallo ipprezenta nota b’dokumenti dwar il-

korriment u l-pensjoni li qed jircievi l-istess, Mario Zammit li, ghal kull buon fini, qed ihalli kopja ghall-kontro-parti;

Rat in-nota ta' l-attur datata 1 ta' Novembru 2000 fejn permezz taghha esebixxa xi dokumenti;

Rat il-verbali tas-seduti tas- tas-7 ta' Dicembru, 2000 tas-7 ta' Frar, 2001; tad-9 ta' Mejju, 2001; tat-8 ta' Gunju, 2001 fejn il-perit legali informat lill-Qorti li *'fl-ahhar il-provi kienu inghalqu"*; tat-12 ta' Ottubru, 2001; tas-7 ta' Dicembru, 2001;

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali u x-xhieda minnha migbura fejn fis-6 ta' Ottubru 1994 xehed l-attur; fis-seduti tas-16 ta' Novembru 1994 ma sar xejn; fis-seduta tad-29 ta' Novembru 1994 xehed l-attur u l-konvenuta ecc.

Rat il-verbali tas-seduti tat-30 ta' Jannar 2002; ta' l-10 ta' April 2002;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali a fol. 271 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti ta' l-24 ta' Mejju, 2002 fejn il-Perit Legali, Dr. Irene Bonello ikkonfermat ir-relazzjoni u l-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport u trattazzjoni bl-intiza li wara tithalla ghas-sentenza; ta' l-10 ta' Lulju, 2002 fejn il-Qorti awtorizzat lill-attur biex, fi zmien sitt gimghat, jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet finali wara l-prezentata tar-rapport bil-*visto* tal-kontro-parti li jkollu erba' gimghat mill-komunika ghall-eventwali risposta wkoll bil-*visto*; tat-30 ta' Ottubru, 2002;

Rat ir-rikors ta' l-attur ipprezentat fit-28 ta' Ottubru, 2002 fejn talab illi din il-Qorti joghgobha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u takkordalu zmien biex jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Novembru, 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba, u awtorizzat il-prezentata tan-nota ta' sottomissjonijiet da parti ta' l-attur fi zmien erba'

gimghat mill-lum bil-visto tal-kontro-parti li jkollu erba’ gimghat zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Novembru, 2002; u tas-26 ta’ Novembru, 2002 fejn il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni finali ghall-14 ta’ Jannar, 2003;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur datata 8 ta’ Jannar 2003;

Rat ir-rikors ta’ l-attur ipprezentat fit-8 ta’ Jannar, 2003 fejn huwa talab illi l-Qorti tammettih jressaq provi godda;

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-14 ta’ Jannar, 2003;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ Jannar, 2003 fejn il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatti allegati u senjatament il-karta ta’ l-identita` u r-referenza waqt it-trattazzjoni dwar il-lista elettorali, tilqa’ t-talba u tawtorizza l-ingunzjoni tal-konvenuta u ta’ John Joseph Bugeja;

Rat l-avviz tal-Qorti fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif prezentement presjeduta;

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta’ Marzu, 2003; ta’ l-20 ta’ Mejju, 2003 fejn il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali; u ta’ l-14 ta’ Ottubru, 2003;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju, Dr. Josette Demicoli (minn fol. 325 sa fol. 335);

Rat il-provi kollha prodotti fil-kawza fl-ismijiet inversi Citazzjoni Numru 547/92/FD wkoll differita ghas-sentenza ghall-lum.

Rat il-verbali tas-seduti tal-5 ta’ Frar, 2004; tas-27 ta’ Mejju, 2004 fejn Dr. Noel Camilleri iddikjara li l-attur jinsab fuq *invalidity pension*; li t-tfal huma llum maggorenni u li l-kwistjoni kollha hija fuq id-dar matrimonjali; il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum, 28 ta’ Ottubru 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni u li permezz taghha l-attur qiehed jitlob li huwa jinfired minn ma’ martu, l-konvenuta, minhabba adulterju, ingurji gravi u mohqrija b’mod illi z-zwieg taghhom tfarrak irrimedjabbilment. Il-konvenuta min-naha taghha cahdet li hija rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju, eccessi, sevizzji u ingurji gravi anzi takkuza lill-attur li kien hu li kkommetta adulterju, eccessi, sevizzji u ingurji gravi u li kien huwa l-persuna responsabbli ghas-separazzjoni bejniethom.

Illi l-Perit Legali, Dr. Irene Bonello fir-relazzjoni peritali taghha tasal ghas-segwenti konkluzjonijiet li ser jissieltu *verbatim*:

*“6.1 Mill-provi prodotti jirrizulta li:*

*a) Iz-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabilment peress li l-attur beda jhares lejn martu l-konvenuta bhala oggett sesswali biss u jabbuzaha sesswalment.*

*b) Ir-relazzjoni nterpersonali bejn il-kontendenti saret inezistenti, filwaqt li kienu frekwenti l-episodji ta’ vjolenza fizika u psikologika u ta’ abbuzi sesswali da parti ta’ l-attur fil-konfront tal-konvenuta tant li l-hajja flimkien saret impossibbli u l-konvenuta kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali kemm-il darba minhabba l-agir ta’ l-attur.*

*c) Il-verzjoni moghtija mill-konvenuta hija kredibbli, hija in parte korroborrata mill-istess attur u hija sufficentement ikkonfermata mix-xhieda prodotti mill-konvenuta u mid-dokumenti esebiti minnha.*

*d) Huwa nteressanti li l-attur allega adulterju da parti tal-konvenuta pero` huwa ma gab l-ebda prova sabiex jissostanzja tali akkuza u in kontro-ezami l-konvenuta cahdet li kellha relazzjoni ma’ ragel iehor. Irrizulta li kien l-attur, li wara li bdew dawn il-proceduri gudizzjarji, kellu*

*relazzjoni adultera (vide affidavit tal-konvenuta tas-17 ta' Frar, 1994 u ta' bin il-kontendenti Francis Saviour Zammit tas-17 ta' Frar, 1994 esebiti fil-kawza fl-ismijiet inversi u riprodotti supra f'paragrafi 3.4. u 3.5. pagni 13 u 14).*

*6.2. Jirrizulta ghalhekk li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha, it-tieni talba attrici ghandha tigi michuda, it-tielet talba attrici ma tistax tigi kkonsidrata peress li Francis Saviour Zammit, iben il-kontendenti huwa maggorenni; ir-raba talba attrici ghandha tigi michuda; u l-hames talba attrici ghanda tigi milqugha u fir-rigward ta' l-assi formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u l-assenjazzjonijiet ta' tali assi lill-kontendenti ghandhom jigu kkonsidrati s-segwenti punti:*

*a) L-oggetti tad-deheb li qeghdin ghand il-konvenuta, skond l-affidavit ta' l-attur, guramentat minnu fit-3 ta' Ottubru 1993 ghandhom valur li jaqbez elf lira Maltija (Lm1,000) mentri fil-prospett tieghu tal-beni tal-partijietipprezentata b'nota tieghu tat-22 ta' Gunju 1999, l-oggetti tad-deheb inghataw il-valur ta' elfejn lira Maltija (Lm2000) minnu. Skond id-dokumenti a fol. 91 sa 94 tal-process, ipprezentati flimkien mar-risposta tal-konvenuta tal-21 ta' Lulju 1999 l-oggetti tad-deheb ghandhom valur ta' seba` mija u erba` u tmenin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm784.95). Ghalhekk ma hemmx qbil dwar il-valur ta' l-oggetti tad-deheb.*

*b) Rigward l-ghamara, filwaqt li l-attur, fil-fuq imsemmi prospett, jghid li r-refrigerator u l-cooker inxtraw minnu qabel iz-zwieg, il-konvenuta tinkludihom bhala assi tal-komunjoni skond kif jirrizulta fl-ewwel pagna tad-dokument (vera kopja ta' ittra ta' l-avukat tal-konvenuta) a fol. 80 u 81 tal-process (li qieghed ukoll a fol. 95 u 96 tal-process), f'liema dokument skond il-konvenuta l-ghamara tas-salott u tal-kamra tas-sodda hemm indikata (eskluza mitt lira Maltija (Lm100) cjoe` skond l-istess konvenuta kwart (1/4) mill-valur ta' l-ghamara tal-kamra tas-sodda, liema mitt lira (Lm100) gew imhallsa mill-attur) tigi ndikata bhala taghha parafernali. Il-kontendenti ma gabu l-ebda dokumenti li jipprovaw li l-oggetti in kwistjoni huma parafernali. Kwantu ghall-bqija ta' l-ghamara ndikata bhala*

*formanti parti mill-assi tal-komunjoni, jirrizulta li l-lista moghtija mill-konvenuta hija itwal mill-lista ta' l-attur u hemm anke differenza fil-valuri peress li l-konvenuta taghti valuri aktar elevati minn dawk indikati mill-attur. Inoltre skond it-tieni pagna tad-dokument a fol. 80 u 81 tal-process fis-salott hemm showcase li tappartjeni lil omm l-attur, u l-linfa li hemm fil-kamra tas-sodda tat-tfal tappartjeni ukoll lil omm l-attur – ghalhekk dawn iz-zewg oggetti mhux ser jigu kkonsidrati.*

*c) Rigward il-karozzi, filwaqt li l-konvenuta tirriferi ghaz-zewg karozzi cjoe` Escort u Cortina 20 tal-valur rispettivament ta' xi elfejn lira Maltija (Lm2,000) u xi erbat elef (Lm4,000), l-attur isemmi biss il-Cortina bhala "sekonda man ta' hdax-il sena" tal-valur ta' erba` mitt lira Maltija (Lm400). Il-kontendenti ma gabu l-ebda dokumentazzjoni dwar tali karozzi.*

*d) Il-konvenuta, fit-tieni pagna tal-fuq imsemmi dokument, a fol. 80 u 81 tal-process tinkludi bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti: "Il-kirja ta' l-appartament Block E, Flat 11, Triq il-Gilju, H/E, Zabbar u il-kirja ta' garaxx" li ghalihom l-attur ma jaghmel l-ebda riferenza. Fl-istess tieni pagna ta' l-imsemmi dokument, l-Avukat tal-konvenuta kitbet: "Il-klijenta tieghi tixtieq illi l-kirja tad-dar konjugali tinqaleb fuqha. Dan ghaliex hija bhalissa qed tghix ma' ommha flimkien maz-zewgt itfal taghha. Pero` hija m'ghandha ebda titolu u jekk tigi nieqsa ommha hi u t-tfal tal-partijiet ser jispiccaw minghajr saqaf fuq rashom. Inoltre hija ghandha informazzjoni illi zewgha m'huwiex qieghed juza d-dar regolarment, imma qieghed jghix ma' xi hadd l-Isla. Fil-fatt hija giet infurmata illi anke marru xi ufficjali tal-Housing hemmhekk u sabu d-dar vojta. Ghalhekk tixtieq li tkun tista tabita hemmhekk hija flimkien mat-tfal tal-partijiet". F'dan ir-rigward u cjoe` dwar il-kirja ta' l-appartament u garaxx il-partijiet ma sottomettew l-ebda dokumenti, pero` l-attur ma pprezenta l-ebda kontestazzjoni fir-rigward tar-rikjesta u l-argumenti ta' l-Avukat tal-konvenuta li l-kirja ta' l-appartament jinqaleb fuqha kontenuti fil-fuq imsemmi dokument.*

*e) In vista tal-punti premessi:*

*Lill-attur ghandhom jigu assenjati r-refrigerator, l-cooker, l-karozzi Escort u Cortina 20, l-cupboards tal-kcina, l-ghamara tal-kamra ta' l-ikel, -ghamara ta' l-intrata (sottospecchio u zewg siggijiet, erba' nkwadri, kolonna u fanal); il-linfa tas-salott; television tal-kulur bil-mejda; video casette player u recorder; wiehed miz-zewg radios; nofs (1/2) l-affarijiet li jzejnu d-dar (li nxtraw fiz-zwieg u rigali tat-tieg liema oggetti ma gewx indikati individwalment); u l-kirja tal-garaxx (indirizz mhux indikat mill-partijiet);*

*Lill-konvenuta ghandhom jigu assenjati l-oggetti tad-deheb, l-ghamara tas-salott (sufan, zewg pultruni, zewg 'lady-chairs' u tavolina zghira), l-ghamara tal-kamra tas-sodda (sodda twaletta, gwardarobba, zewg komodini, tallboy, gredenza, zewg siggijiet u banketta); l-ghamara tal-kamra tat-tfal (zewg sodod, gwardarobba, gredenza u zewg komodini bil-unit); il-linfa tal-main bedroom; television black and white; wiehed miz-zewg radios; nofs (1/2) l-affarijiet li jzejnu d-dar (li nxtraw fiz-zwieg u rigali tat-tieg, li kif spjegat hawn fuq ma gewx indikati individwalment); u l-kirja ta' l-appartament Block E, Flat 11, Triq il-Gilju, H/E, Zabbar.*

*6.3. Kwantu ghat-talbiet tal-konvenuta kontenuta fil-kawza fl-ismijiet in versi, peress li bin il-kontendenti Francis Saviour Zammit huwa maggorenni ma ghandhiex tigi kkonsidrata t-talba ghall-alimenti ghalih, u inoltre sakemm l-attur jibqa fis-sitwazzjoni attwali cjoe` ta' invalidita fejn jircievi pensjoni ta' l-invalidita ta' tletin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm30.56) fil-gimgha (liema sitwazzjoni tista tigi riveduta fil-2003 meta jsir ezami mill-Bord Mediku tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali) u sakemm ma jahdimx, l-ebda manteniment ma jkun dovut minnu lill-konvenuta, li da parti taghha tahdem u ghandha ntrojtu ta' circa ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha".*

Illi din il-Qorti sejra taghmel l-osservazzjonijiet taghha fuq il-provi <u>kollha</u> migjuba mill-partijiet kemm quddiem il-Perit Legali <u>kif ukoll</u> dawk migjuba wara li l-Perit Legali irrelatat u dan peress illi l-Qorti awtorizzat lill-istess attur

jipprezenta xi provi ulterjuri f'dak l-istadju (sottolinejar tal-Qorti).

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Caterina Agius vs Benedict Agius"**, deciza minn din il-Qorti fit-13 ta' Gunju 1967 inghad illi l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri;

Illi nghad ukoll illi "*perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale*" – (Ara f'dan is-sens is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fit-12 ta' Mejju, 1925 fl-ismijiet **"Elisa Thompson vs Edward Thompson"**). Hekk ukoll jinghad fis-sentenzi ripportati fil-volum **Vol. XLVI P II p 638** meta jinghad illi "*hu bizzejjed li tikkonkorri wahda biss minnhom ghax din jekk pruvata hi bizzejjed biex tiggustifika t-talba ghas-separazzjoni*" (**Vol. XLVI P II p 638**), "*purche sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugali*" (**Vol. XXVI P II p 110**);

Illi l-attur jakkuza lill-martu l-konvenuta b'adulterju u li kien f'minhabba f'hekk illi huwa rrikorra ghal dawn il-proceduri odjerni.

Illi l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi *"Kull parti mizzewga tista titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra".*

Kif tajjeb osservat din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fis-sentenza taghha tas-16 ta' April, 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri v. Avukat Dr. Albert vs Grech et noe"** (Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "*hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' disposizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormaj pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta'*

*indizji u presunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika*" (p.694).

Illi mill-provi prodotti quddiem il-Perit Legali, ma jirrizulta bl-ebda mod, lanqas remotament, illi l-konvenuta kienet adultera jew kellha relazzjoni adultera.

Illi pero`, fi stadju inoltrat hafna tal-provi u wara li l-kawza odjerna kienet diga` thalliet ghat-trattazzjoni finali wara li gie pprezentat ir-rapport peritali, l-attur intavola rikors sabiex jtella' bhala xhieda sabiex jipprova l-adulterju addebitat minnu fil-konfront tal-konvenuta lill-istess konvenuta u lil certu John Joseph Bugeja.

Illi mid-dokumenti esebiti a fol. 330 *et seq*. tal-process jirrizulta illi Joseph Bugeja huwa guvni u twieled fil-31 ta' Ottubru, 1957. Illi jirrizulta ukoll (a fol. 333 tal-process) illi dan Joseph Bugeja, biddel l-indirizz tieghu minn Misrah Gorg Mitrovich, Blokk 2, Isla ghal 62, Triq ix-Xghajra, Zabbar. Illi f'dan l-ahhar indirizz jirrizulta illi kienet tirrisjedi l-konvenuta. Sussegwentement jirrizulta ukoll illi fil-21 ta' April, 2003 dan Bugeja rega` biddel l-indirizz tar-residenza tieghu ghal 57, Triq San Pietru u San Pawl, Isla.

Illi minn din il-prova, prodotta mill-attur, <u>wara li gie ipprezentat ir-rapport tal-Perit Legali,</u> il-Qorti hija sodisfatta illi l-konvenuta kienet effettivament qeghda tikkoabita ma' dan Joseph Bugeja.

Illi l-attrici fil-kawza fl-ismijiet inversi u cjoe` **"Maria Dolores sive Doris Zammit vs Mario Zammit"** (Citazzjoni Numru. 547/92RCP) ipprezentat affidavit taghha u ta' binha Francis Saviour Zammit. Illi minn dawn ix-xhieda jirrizulta illi l-attur kien f'zewg okkazzjonijiet ma persuna tas-sess femminili tard bil-lejl. Illli a bazi tal-premess, din il-Qorti thoss li l-prova ta' adulterju *da parte* ta' l-attur saret ukoll u f'dan is-sens din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit legali f'dan ir-rigward.

Illi jehtieg pero`, li l-Qorti tezamina jekk l-adulterju taz-zewg partijiet u l-ingurji gravi hawn fuq imsemmija kenux

il-fatti ewlenin li wasslu ghat-tkissir taz-zwieg bejn il-kontendenti, konjugi Zammit, u fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dak li wassal ghat-thassir taz-zwieg bejn il-partijiet kien biss l-agir ta’ l-attur kif premess.  Ma jirrizultax pruvat illi l-konvenuta kienet adultera qabel ma hija telqet mid-dar matrimonjali u lanqas ma jirrizulta illi l-attur kien adulteru qabel l-konvenuta telqet mid-dar konjugali.

Illi fil-fatt, mill-provi prodotti jirrizulta illi fl-ewwel snin taz-zwieg taghhom, il-kontendenti, konjugi Zammit kienu jghixu hajja relattivament normali, *bl-ups and downs* li l-hajja matrimonjali iggib maghha.  Sussegwentement – u wara li l-attur beda jsiefer fuq xoghol – l-istess attur beda jitlob certu affarijiet minn martu liema affarijiet kienu relatati ma’ l-intimita ta’ l-istess konvenuta. Dawn l-intimitajiet kienu qeghdin idejjqu bil-kbir lill-konvenuta li kienet qeghda thossha offiza u li ggeneraw fiha ezacerbazzjoni u avversjoni profonda kontra zewgha l-attur (ara f’dan is-sens is-sentenzi riportati fil-volumi **XXXI/i/200** u **XXVI/i/246**).

Illi dawn il-fatti huma s-sevizzi li titkellem dwarhom il-ligi.  Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur irrenda ruhhu hati lejn il-konvenuta ta’ sevizzi.

Illi apparti dan kollu jidher illi l-kontendenti, konjugi Zammit ilhom jghixu ‘l boghod minn xulxin sa minn qabel is-sena 1993 u allura, illum il-gurnata, wara li ghaddew mal-hdax-il (11) sena li huma ilhom jghixu ghal rashom, din il-Qorti hija tal-fehma ukoll illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment ukoll minhabba dan il-fatt ta’ allontananza.

Illi l-attur fic-citazzjoni minnu intavolata, talab lill-Qorti sabiex tiddikjara illi l-konvenuta iddekadiet mid-dritt taghha li tesigi manteniment minghandu.

Illi l-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** jistipula illi:

*48. (1) Il-parti, ir-ragel jew il-mara, illi tkun il-htija tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 (adulterju) u 41 (abbandun) titlef –*

*(d) il-jedd li iggieghel lill-parti l-ohra, f'kull kaz, li taghtiha l-manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg.*

Illi kif diga` qalet il-Qorti aktar 'il fuq, hija qeghda ssib lill-konvenuta hatja ta' adulterju, minkejja l-fatt li dan l-adulterju ma kienx il-htija principali ghat-tkissir taz-zwieg. Illi *in vista* ta' din id-dikjarazzjoni, allura, l-konvenuta tilfet kull dritt li seta' kellha sabiex hija tkun tista' tesigi manteniment minghand l-attur.

Illi dwar it-tfal tal-kontendenti u cjoe` Adrian u Francis Saviour, jirrizulta illi dawn illum huma t-tnejn maggorenni u allura ma hemmx ghalfejn il-Qorti tinoltra ruhha dwar il-kura u l-kustodja taghhom u l-eventwali access ghalihom.

Illi jifdal x'jigi deciz, x'ser jigri mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Il-konvenuta esebiet permezz ta' nota datata 30 ta' April 1999 ittra mibghuta mill-konsulent legali taghha, Dr. Katrine Vella. Din l-ittra kienet inkitbet lill-konsulent legali ta' l-attur fit-3 ta' Mejju 1995 (fol. 79 tal-process).

Illi l-attur permezz ta' nota ipprezentata fit-22 ta' Gunju 1999 indika l-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti (fol. 84 tal-process). Il-konvenuta pprezentat ir-risposta relattiva ghal din in-nota fil-21 ta' Lulju, 1999 (fol. 90 tal-process).

Illi apparti dan kollu, fis-seduta mizmuma quddiem il-Qorti nhar is-27 ta' Mejju, 2004 Dr. Noel Camilleri ghall-konvenuta – li kienet prezenti – iddikjara illi l-attur jinsab fuq *invalidity pension*, li t-tfal huma llum maggorenni u li l-kwistjoni kollha hija fuq id-dar matrimonjali.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra ghar-rigward tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u f'dan is-sens din il-Qorti qed tadotta kwazi l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali f'dan ir-rigward b'certu differenzi li ser jirrizultaw f'din l-

assenjazzjoni u ghalhekk *in vista* tal-premess din il-Qorti *arbitrio boni viri* tordna li jigu assenjati lill-attur ir-*refrigerator*, il-*cooker*, il-karozzi Escort u Cortina 20, il-*cupboards* tal-kcina, l-ghamara tal-kamra ta' l-ikel, l-ghamara ta' l-intrata (sottospecchio u zewg siggijiet, erba' inkwadri, kolonna u fanal); il-linfa tas-salott; *television* tal-kulur bil-mejda; *video casette player* u *recorder*; wiehed miz-zewg radios; nofs (1/2) l-affarijiet li jzejnu d-dar (li nxtraw fiz-zwieg u rigali tat-tieg liema oggetti ma gewx indikati ndividwalment); u l-kirja tal-garaxx (indirizz mhux indikat mill-partijiet) u l-kirja ta' l-appartament Block E, Flat 11, Triq il-Gilju, H/E, Zabbar;

Illi min-naha l-ohra l-konvenuta qed tigi assenjata l-oggetti tad-deheb, l-ghamara tas-salott (sufan, zewg pultruni, zewg *'lady-chairs'* u tavolina zghira), l-ghamara tal-kamra tas-sodda (sodda, twaletta, gwardarobba, zewg komodini, *tallboy*, gredenza, zewg siggijiet u banketta); l-ghamara tal-kamra tat-tfal (zewg sodod, gwardarobba, gredenza u zewg komodini bil-*unit*); il-linfa tal-*main bedroom; television black and white*; wiehed miz-zewg radios; nofs (1/2) l-affarijiet li jzejnu d-dar (li nxtraw fiz-zwieg u rigali tat-tieg, li kif spjegat hawn fuq ma gewx indikati individwalment).

Illi dwar id-dar matrimonjali jinghad li l-Qorti hadet din id-decizjoni peress li "*in extremis*" gie ppruvat l-adulterju da parti tal-konvenuta fil-konfront ta' l-attur. Illi minhabba dan il-fatt il-Qorti hija tal-fehma illi l-kirja tad-dar matrimonjali kif ukoll il-kirja tal-garaxx ghandhom jigu assenjati lill-attur. Dan qieghed jinghad minghajr ma titnaqqas l-importanza tad-dikjarazzjoni maghmula mill-Qorti, illi l-htija principali tat-tfarrik ta' dan iz-zwieg hija ta' l-attur, pero` fir-rigward ta' dan ukoll ser jinghad izjed l-isfel fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk din il-Qorti ghal dawn il-motivi qeghda **taqta' u tiddeciedi** din il-kawza billi filwaqt li tilqa *in parte* t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta u tichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet in kwantu l-istess huma b'xi mod

inkompattibbli ma’ dak hawn deciz, **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba ta’ l-attur u tilqa’ t-talbiet l-ohra ta’ l-attur** u dan biss fis-sens hawn deciz, u dan billi:-

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza biss fis-sens li fl-ewwel lok, qed tigi ppronunzjata l-firda personali bejn il-kontendenti u dan billi qed jigi ddikjarat li mill-provi prodotti jirrizulta ampjament illi z-zwieg tkisser principalment minhabba s-sevizzi li l-attur kien jipprattika fil-konfront tal-konvenuta u *in linea* sussidjarja, dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba adulterju kommessa miz-zewg partijiet wara li bdew jghixu separatament.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara illi l-konvenuta iddekadiet mid-dritt taghha li tesigi manteniment minghand l-attur u dan minhabba l-adulterju kommess minnha; fl-istess waqt tiddikjara li l-attur iddekada mid-dritt ta’ manteniment kontra l-attrici u f’dan il-kuntest din il-Qorti qed tapplika kontra l-partijiet id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48** *in toto.*

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba ta’ l-attur ghar-rigward ta’ access ghall-minuri, Francis Saviour, *stante* li illum dan huwa maggorenni;

4. Tilqa ir-raba’ talba ta’ l-attur b’dan izda illi l-Qorti qeghda tiddikjara li qed tapplika kontra z-zewg partijiet fil-kawza d-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fl-intier taghhom.

5. Tilqa l-hames talba ta’ l-attur u tordna li l-komunjoni ta’ l-akkwisti giet xolta b’effett mid-data ta’ l-14 ta’ Dicembru 1992.

Illi dwar il-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti din il-Qorti *arbitro boni viri* tassenja lill-attur, ir-*refrigerator,* il-*cooker*, il-karozzi Escort u Cortina 20, jew liema minnhom ghadha tezisti, l-*cupboards* tal-kcina, l-ghamara tal-kamra ta’ l-ikel, l-ghamara ta’ l-intrata (sottospecchio u zewg siggijiet, erba’ inkwadri, kolonna u fanal); il-linfa tas-salott; *television* tal-kulur bil-mejda;

*video casette player* u *recorder*; wiehed miz-zewg radios; nofs (1/2) l-affarijiet li jzejnu d-dar (li nxtraw fiz-zwieg u rigali tat-tieg liema oggetti ma gewx indikati ndividwalment); u l-kirja tal-garaxx (indirizz mhux indikat mill-partijiet) u l-kirja ta’ l-appartament Block E, Flat 11, Triq il-Gilju, H/E, Zabbar.;

Illi min-naha l-ohra l-konvenuta qed tigi assenjata l-oggetti tad-deheb, l-ghamara tas-salott (sufan, zewg pultruni, zewg *‘lady-chairs’* u tavolina zghira), l-ghamara tal-kamra tas-sodda (sodda, twaletta, gwardarobba, zewg komodini, *tallboy,* gredenza, zewg siggijiet u banketta); l-ghamara tal-kamra tat-tfal (zewg sodod, gwardarobba, gredenza u zewg komodini bil-*unit);* il-linfa tal-*main bedroom; television black and white*; wiehed miz-zewg radios; nofs (1/2) l-affarijiet li jzejnu d-dar (li nxtraw fiz-zwieg u rigali tat-tieg, li kif spjegat hawn fuq ma gewx indikati ndividwalment).

Illi *stante* li jirrizulta illi t-tort principali ghat-tfarrik ta’ dan iz-zwieg kien imputabbli lill-attur, allura huwa ghandu jbati l-ispejjez kollha tal-kawza.

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless kemm mill-mod li gew esebiti diversi dokumenti bla bzonn, u bil-mod kif il-partijiet irregolaw il-gbir tal-provi u kif ukoll minhabba n-nuqqas ta’ kull parti f’din il-kawza li tressaq il-provi taghha fi zmien ragonevoli u fit-termini ndikati mill-Qorti, tant li jirrizulta mill-verbali quddiem il-Qorti diversament presjeduta, u kif anke rraportat il-Perit Legali lill-istess Qorti, li nzammu diversi seduti izda provi ma tressqux mill-partijiet, b’dan li jirrizulta bla ebda dubju li z-zewg partijiet tawwlu l-proceduri bla bzonn anke minhabba l-pika esegerata taghhom, din il-Qorti b’applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta’ l-Iskeda “A” tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** tordna lilll-attur ihallas is-somma ta’ erba’ mitt lira Maltija (Lm400) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u min-naha l-ohra, lill-konvenuta thallas is-somma ta’ mitejn lira Maltija (Lm200) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom

isiru minn kull parti fi zmien tlettin (30) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------